**KUNSILL LOKALIĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 74

Il-Ħamis 26 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4:30p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia–Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 74.1 Introduzzjoni

74.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-16.40hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, fejn introduċiet lil Accountant tal-Kunsill s-Sinjura Marisa Ciappara.

74.1.2 Is-Segretarju ppreżentat l-Audited Accounts lill-Kunsilliera kollha biex japprovawhom.

74.1.3 L-Accountant spjegat li kien hemm xi *adjustments* li kienu favur tal-Kunsill u dawn impruvjaw is-*surplus*.

74.1.4 Hija bdiet tispjega fuq l-*Statement Comprehensive Income* sal-31 ta' Diċembru 2017 fejn qalet li fit-2017 kien hemm dħul ta' €311,269.00 u l-*Expenditure* kien ta' €272,844.00 u jibqa' *surplus* ta' €58,442.00

74.1.5 L-Accountant qalet li b'dan is-surplus kif hemm indigat fi draft Management Letter, il-Kunsill m'għandux *negative* FSI.

74.1.6 L-Accountnat ikkumentat fuq il-*Balance Sheet* fejn qalet li rigward *Assets* ma kienx hemm ċaqlieq mis-sena l-oħra.

74.1.7 Il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq l-FS3 u fuq it-taxxa li l-Kunsilliera iħallsu.

74.1.8 L-Accountant iggwidat lill-Kunsill kif għandhom jagħmlu biex parti mit-taxxa li tkun tħallset tingħata lura.

74.1.9 Is-Segretarju ppreżentat ukoll lill-Kunsilliera kollha kopja ta' *draft management letter.*

74.1.10 L-Accountant tkellmet fuq il-kummenti li għamlu l-Awdituri fuq ir-*Rent Contract* tal-binja tal-Kunsill.

74.1.11 Hija qalet li jkun important ħafna li isir kuntratt minn sena għal sena għax din dejjem qed tissemma fil-*management letter* minn sena għal oħra.

74.1.12 L-Accountant qalet li l-Awdituri anke staqsew għal *medical certificate* meta Kunsillier kien skużat meta m'attendix għal laqgħa tal-Kunsill peress li kien ma jiflaħx.

74.1.13 Hija qalet li jekk ma jiġix ppreżentat ċetifikat mingħand it-tabib ser ikollha tnaqqas €100 mill-allowance.

74.1.14 L-Accountant issuġġerit lis-Sindku li din l-*issue* għandha titressaq fil-laqgħa tas-Sindki biex tiġi diskussa u ċċarata.

74.1.15 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri, l-Audited Accounts għas-sena finanzjarja 2017 ġew approvati.

74.1.16 Dawn għandhom jiġu ffirmati u jintbagħtu lill-Awdituri tal-Kunsill biex fit-30 ta' April 2018 jiġu ppreżentati lil l-Awditur Ġenerali.

74.1.17 Qabel telqet mill-karma tal-Kunsill l-Accountant tkellmet fuq il-kuntratt tagħha bħala Accountant tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija li ser jiskadi f'Settembru 2018.

74.1.18 Il-Kunsill irringrazzjha ħafna lill Accountant li kien kuntent ħafna bil-*performance* taghha matul dawn it-tlett snin.

74.1.19 Hawnhekk l-Accountant ħarġet mill-kamra tal-Kunsill.

74.1.20 Il-Kunsill kompla jiddiskuti din l-issue u ikkonsidra li biex ikun hemm continuity, peress li s-Segretarju Ezekuttiv ser tirtira din is sena 2018, tinghata direct order lill-Accountant eziztenti għal perjodu bejn Settembru 2018 u Settembru 2019.

74.1.21 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill, għalkemm kienu diġa nfurmati, li s-Sur George Sammut, ħaddiem mill-Jobs Plus beda jaħdem mal-Kunsill minn nhar it-Tlieta 24 ta' April 2018.

74.1.22 Peress li dan l-impjetat isuq, il-Kunsill iddecieda li issa għandu jinxtara van.

74.1.23 Is-Segretarju reġgħet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex jagħtu lill-uffiċċju x-xogħolijiet li hemm bżonn isiru meta jiġu l-ħaddiema ta' l-RSSL nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju 2018.

74.1.24 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia reġgħet tkellmet li għadu ma sarx il-qtugħ tal-ħaxix f'Ta' Senna.

74.1.25 Is-Segretarju u s-Sindku għandhom imorru fir-raħal fil-jiem li ġejjin biex jaraw x'toqob hemm bżonn li jsiru.

## 74.2 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

74.2.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30p.m.u ġiet aġġornata għal laqgħa li jmiss li ser issir nhar il-Ħamis 3 ta' Mejju 2018, fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |